**27 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Marianna Cini pr. et ne.

*versus*

Paolo Galea et.

**Appell — Kontumaċja — Danni — Perit — Bennej — Kważi-Delitt — Mara — Tfal — "Jus Superveniens" — Aċċettazzjoni ta' Eredità — Solidarjetà — Art. 1088, 1089, u 1074, 1075, 1076, u 890 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 206 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-konvenut li jibqa' kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti, mhux prekluż milli jappella mis-sentenza ta' dik il-Qorti; biss, il-kontumaċi ma jistgħax iġib quddiem il-Qorti tal-Appell xhieda, kemm il-darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu. Imma jittratta l-kawża jista'.*

*Hu veru li fil-każ ta' persuna li ssofri ħsara minħabba offiża personali lilha kaġunata mill-aġir doluż jew kolpuż ta' ħadd ieħor, ir-riżarċiment tad-danni hu mill-liġi mogħti biss lill-persuna direttament offiża mill-fatt doluż jew kolpuż, u, fil-każ li dan il-fatt jikkaġuna l-mewt, lill-eredi ta' dik il-persuna; iżda jekk l-offiż imut u jħalli l-mara u t-tfal, l-azzjoni tal-mara u t-tfal għad-danni kontra d-danneġġjant ma tistgħax tiġi opposta bħala li ma tikkompetix lilhom.*

*Kwantu għat-tfal, l-azzjoni tagħhom hija proposta sewwa avvolja huma jaġixxu f'isimhom proprju, u fiċ-ċitazzjoni ma jindikawx li qegħdin jaġixxu bħala werrieta ta' missierhom, jekk fil-fatt huma jkunu l-eredi tiegħu; għax in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' din il-kwalità tagħhom fiċ-ċitazzjoni ma jinnewtralizzax il-fatt illi fil-mument tal-preżentata ta' dik iċ-ċitazzjoni huma kienu effettivament l-eredi ta' missierhom; kif lanqas ma jiswa l-fatt illi huma jkunu għad-*

*hom ma aċċettawx l-eredità ta' missierhom, u kwindi kienu għadhom mhumiex kunsidrati bħala ered "di diritto".*

*Din id-diffikultà tan-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-eredità, mbgħad, tisparixxi għal kollox jekk it-tfal fil-mori tal-kawża, jaċċettaw dik l-eredità; u dan b's-saħħa tal-"Jus Superveniens", li jissana d-difett li talvolta seta' kien hemm.*

*U tabilhaqq, it-teorija tal-"Jus Superveniens" ġiet applikata mill-Qrati Tagħna l-aktar meta l-obligazzjoni li tkun il-bażi tal-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tavvera ruħha, jew it-terminu jagħlaq, waqt il-kawża; u f'każ sim li jista' jitqies li t-tfal tal-mejjet, li kienu bil-liġi msejħin għas-suċċessjoni tiegħu, kienu "eredi" tiegħu kondizzjonatament għall-aċċettazzjoni tal-wirt tiegħu; u dan l-aċċettazzjoni tkun saret waqt il-kawża. Oltre dan, il-każi li fihom hija applikabbli din it-teorija mhumiex tassattivi. U dan apparti raġuni oħra li għaliha din it-teorija tapplika 'a fortiori"; u ċjoè għaliex l-aċċettazzjoni tal-eredità għandha effett retroattiv minn dak inhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*Lanqas ma hu ta' ostakolu l-fatt li l-aċċettazzjoni tal-eredità tkun saret wara li d-danneġġjant ikun issolleva l-eċċezzjoni li t-tfal ma aġixxewx bħala eredi ta' missierhom; diversament, it-teorija tal-"Jus Superveniens", tista' tgħid, ma tkunx applikabbli qatt; mentri, inveċe, dik it-teorija ġiet applikata mill-Qrati Tagħna, f'każijiet kongruwi, anki meta d-difett inizjali ġie sanat, bis-sopravvenjenza tad-dritt, wara l-eċċezzjoni, sahansitra anki meta l-kawża kienet fl-appell. U jista' jiżdied illi, meta l-eċċezzjoni tkun dilatorja, bħal fil-każ preżenti, il-"Jus Superveniens" ma hux ostakolat mill-eċċezzjoni, għaliex minn dik l-eċċezzjoni l-konvenut ma jottjenix ebda effett ieħor ħlief dak li jikkostrinġi l-il-attur jerġa jipproponi l-azzjoni tiegħu.*

*Kwantu għall-mara tal-persuna li mietet, anki din, avvolja mhix eredi ta' żewġha, tista' tazzjona għad-danni; għax il-fatt li hija mhix eredi ta' żewġha ma jnaqqasx kull dritt u nteress li hija għandha li tunixxi ruħha ma' wliedha fl-azzjoni għal dawn id-danni. Kif mbgħad l-ammont tad-*

*danni akkordat mill-Qorti jiġi allokat bejn il-mara u t-tfal, hija kwistjoni ta' bejniethom, skond il-liġi, u mhix ħaġa li jaraha d-danneġġjant.*

*Kull min, bi ħtija, ċjoè b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza, jew ta' ħsieb, jikkaġuna ħsara li ħadd ieħor, huwa responsabbli għad-danni kaġunat mill-għemil jew nuqqas tiegħu; u ma jistgħax ikun hemm dubju li perit li jiġi nkarikat mill-kostruzzjoni ta' fond għandu d-dmir li jassikura ruħu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, speċjalment għal dak li hi solidità, issir sewwa u skond is-sengħa; anzi prinċipalment, skond il-liġi, dan id-dover jaqa' fuqu aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorità kompetenti, billi jimla l-formola preskritta, ir-responsabilità tax-xogħol li tiegħu jkun ser jieħu d-direzzjoni. Dover għalhekk, formalment assunt u mpost mill-liġi, tal-perit, hu dak illi huwa juża l-abilità u d-diliġenza meħtieġa biex fl-eżekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati; u anki jekk liċenzjati, għandu jiddiriġi huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol, b'mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa u li jikkreaw perikolu. Mhux biżżejjed għall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jagħmel, u joqgħod fuq dak li jgħidlu l-bennej; imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza; mingħajr ma jista' jinvoka favur tiegħu nnifsu l-każ fortuwitu, għax il-każ fortuwitu ma jeżonerax mir-responsabilità meta jkun preċedut minn dolo jew ħtija ta' min jinvokah.*

*Il-bennej huwa wkoll responsabbli għad-danni jekk fix-xogħol tiegħu huwa juri nuqqas ta' ħila u diliġenza; u ma jistgħax jeħles minn din ir-responsabilità billi jallega illi, ladarba kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol, u dan ma taħx istruzzjonijiet diversi, allura huwa neħħa kull responsabilità u tefagħha fuq il-perit. Għad illi kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol, dan ma jeħlisx lill-bennej, li bħala mgħallem indaħal għax-xogħol, u fil-fatt eżegwieh, u għalhekk għandu josserva d-diliġenza u jkollu l-ħila meħtieġa. Jekk il-perit kien ħati talli ma ddiriġiex u ma ssorveljax ix-xogħol, kif kien dmiru, dan mhux talli*

*ma jeżonerax lill-bennej, imma anzi jkabbar ir-responsabilità tiegħu. Qabel ma jindaħal għax-xogħol, huwa għandu jkollu l-kapaċità teknika meħtieġa; jekk ma kellux din il-kapaċità kellu jfittex id-direttivi tal-perit. U allura lanqas hu ma jista' jinvoka favur tiegħu nnifsu l-każ fortuwitu.*

*Għaldaqstant, fil-każ ta' nuqqas tant tal-perit kemm tal-bennej, dawn huma t-tnejn responsabbli għad-danni kaġunati mill-għemil kolpuż tagħhom; u l-kundanna tagħhom għall-ħlas tad-danni għandha tkun solidali. Fil-każ preżenti, fejn fil-kostruzzjoni ta' bini waqa' travu li kkaġuna l-mewt ta' xi ħaddiema, l-Ewwel Qorti żammet lill-perit u lill-bennej solidalment responsabbli għad-danni favur l-armla ta' wieħed mill-ħaddiema u t-tfal tiegħu, li aġixxew għad-danni, u llikwidat id-danni fis-somma ta' £800. Il-Qorti tal-Appell, fil-waqt li kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti għall-kumplament, irriformatha billi awmentat is-somma tad-danni għall-massimu permess mill-liġi ta' £1200; wara li rrilevat li forsi wasal il-waqt li "in lege ferenda" jiġi kunsidrat jekk il-liġi għandhiex tiġi emendata b'mod li l-Qrati jkunu jistgħu jakkordaw riżarċiment adegwat konfaċenti għaċ-ċirkustanzi ta' kull każ u għall-valur korrenti tal-flus.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li ppremettiet illi fid-9 ta' Frar 1951 il-konvenuti Perit Arkitett Joseph Camilleri Galea u Paolo Galea, inkarigati rispettivament mid-direzzjoni u eżekuzzjoni tax-xogħolijiet tal-bini li kienu qegħdin isiru fil-fond il-Furjana, Granaries Square, no. 29, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' ħila fl-arti u l-professjoni tagħhom, ikkaġunaw il-mewt ta' Luigi Cini, żewġha u missier uliedha minuri fuq imsemmija; u illi, waqt li kien qiegħed jaħdem, l-imsemmi Cini ġie mirdum meta s-soqfa tal-istess bini ċedew u sfrondaw minħabba vizzju fil-kostruzzjoni tal-imsemmi bini; talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti flimkien jew min minnhom, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġu kundannati jħallsuha, fil-kwalità premessa, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti per mezz ta' periti nominandi, jekk

hemm bżonn, lilha dovuta in linea tad-danni minnha u mill-imsemmija wliedha sofferti minħabba l-mewt ta' żewġha, l-imsemmi Luigi Cini. Bl-imgħaxijiet legali minn notifika ta' dak l-att, u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Settembru 1951, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea, li biha eċċepixxa (a) illi l-azzjoni ma tikkompetix lill-atturi, iżda lill-eredi ta' Luigi Cini (art. 1089 Kod. Ċivili), u l-attriċi mhix eredi ta' żewġha, u l-minuri qegħdin jaġixxu, sija pure fil-persuna tal-attriċi ommhom, f'isimhom proprju; (b) illi, fil-meritu, id-domanda tal-attriċi hi insostenibbli, għaliex huwa ma kellu ebda ħtija f'dak li ġara. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' April 1958, li biha, fil-kontumaċja tal-konvenut Paolo Galea, iddeċidiet billi, wara li rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-konvenut Camilleri Galea, bl-ispejjeż kontra tiegħu, laqgħet it-talba tal-attriċi, billi kkundannat lill-konvenuti jħallsu solidalment lill-attriċi proprio et nomine s-somma ta' tmien mitt lira (£800), bl-imgħax legali minn dak inhar tas-sentenza; l-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi qabel xejn jingħad illi l-konvenut Paolo Galea, għalkemm ġie regolarment notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-attriċi fit-12 ta' Diċembru 1951, baqa' ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet. Fuq talba tiegħu magħmula b'rikors tal-14 ta' Jannar 1956, biex jiġġustifika l-kontumaċja, huwa ġie diversi drabi mogħti minn din il-Qorti l-opportunità biex jagħmel hekk, kif jidher mid-digriet tal-24 ta' Jannar 1956 u mill-verbali tas-seduti tat-30 ta' April 1956 u tat-8 ta' Mejju 1957; imma l-istess konvenut baqa' biex ma deher qatt;

Illi jirriżulta li fid-9 ta' Frar 1951, fil-għodu, waqt li kien qiegħed jiġi rikostruwit il-fond numru 29 Granaries Square, Floriana, magħmul f'erbgħa sulari barra l-pjanterren, meta x-xogħol kien wasal fl-aħħar sular, u l-bejt

kien ġa msaqqaf bix-xoroq u qed jiġi mogħti x-xaħx, barmil vojt jew bix-xaħx, jew xi tavlun, waqa' b'salt fuq ix-xoroq fuq il-lat tat-trieq f'dik il-parti li kienet għadha mhix mgħottija bix-xaħx, u fis-sit fejn kien imqiegħed l-uniku travu, ċjoè fejn kien hemm ir-ras ta' dak it-travu, mit-tul tal-kamra ta' fuq it-trieq minn barra għal ġewwa, u l-piż tal-barmil jew tavlun kisser iċ-ċava li fiha kien ingaljat dak it-travu, u waqa' fuq il-blata, kissirha, u sfronda fuq is-saqaf ta' taħtu. B'dik il-waqgħa tat-travu sfrondaw is-soqfa kollha sottostanti, sal-aħħar wieħed tal-kamra tal-pjan terren. Luigi Cini, u tnejn minn nies li flimkien ma' oħrajn kienu jaħdmu f'dak ix-xogħol, jiġifieri jgħinu bħala *manwali*, u *qegħdin fil-pjanterren, intradmu* taħt il-ġebel u d-debris li waqa' fuqhom. Huwa ġie maħruġ minn taħt dak il-materjal kollu, u miet dak inhar stess, f'dak il-fond fejn kien qiegħed isir ix-xogħol, b'konsegwenza tal-lezjonijiet li sofra; ċjoè, il-mewt tiegħu kienet dovuta għal "shock" minn kontużjoni estiża tat-"torace";

Ix-xogħol tal-bini f'dak il-fond kien qiegħed jiġi eżegwit mill-konvenut Paolo Galea, taħt id-direzzjoni tal-konvenut Perit Camilleri Galea. L-attriċi timputa l-ħtija għall-mewt ta' Luigi Cini għal nuqqas ta' ħila fl-arti u l-professjoni tagħhom tal-konvenuti, ċjoè tal-konvenut Paolo Galea li kellu taħt idejh l-eżekuzzjoni ta' dak ix-xogħol ta' rikostruzzjoni, u tal-konvenut Perit Camilleri Galea li kien jiddiriġi l-istess xogħol;

Fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Perit Camilleri Galea;

Illi dan il-konvenut jissottometti li skond l-art. 1089 tal-Kodiċi *Ċivili din l-azzjoni tikkompeti lill*-eredi *tal-mej*-jet Luigi Cini, u kwindi ma tikkompetix lill-attriċi u lill-uliedha. Mhux l-attriċi, għaliex hija mhijiex eredi ta' żewġha Luigi Cini; mhux lit-tfal tagħha, għaliex, skond ma jidher mill-"occhio" taċ-ċitazzjoni, l-istess minuri jidhru li qegħdin jaġixxu f'isimhom proprju, u mhux bħala eredi ta' *missierhom*;

Rigward din l-eċċezzjoni, in kwantu tolqot l-imsemmija minuri aħwa Cini, kif issottometta l-perit legali, ma

hemmx bżonn li min jaġixxi in forza tad-drittijiet tal-awtur tiegħu jesprimi din il-kwalità b'żieda għall-ismu fl-"occhio" taċ-ċitazzjoni; speċjalment meta fil-korp taċ-ċitazzjoni din il-kwalità tiġi, kif jidher ċar li ġiet fil-każ in speċje, assunta. Barra minn dan, wara li ġiet mogħtija l-eċċezzjoni, Marianna Cini, in segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija lilha mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti b'digriet tal-20 ta Frar 1952, b'nota tat-18 ta' Marzu 1952, bħala tutriċi tal-istess minuri wliedha, aċċettat f'isimhom bil-benefiċċju tal-inventarju l-wirt ta' missierhom Luigi Cini. Għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni ma tistgħax tolqot l-azzjoni odjerna in kwantu magħmula f'isem it-tfal minuri ta' Luigi Cini;

Għar-rigward tal-attriċi f'isimha proprju, ukoll issottometta l-perit legali, "stricto jure" hija hi eskluża mill-kumpens li l-imsemmi artikolu tal-liġi jagħti lill-eredi tal-mejjet, għaliex hija mhijiex eredi ta' żewġha, billi dan ħalla superstiti lill-uliedu msemmijin; però hija, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, *sofriet danni patrimonjali, li huma t-telf* tal-mezzi għal tul ħajjitha, u n-nofs ta' dak kollu li skond l-art. 1360 tal-Kodiċi Ċivili jifforma oġġett u materja tal-komunjoni tal-akkwisti li ġiet xjolta bil-mewt ta' żewġha; u l-art. 1074, kombinat mal-art. 1076 tal-istess Kodiċi, jirrendi responsabbli ta' kwalunkwe dannu lil min, bl-*intenzjoni* jew mingħajr intenzjoni li jagħmel deni, jagħmel dak li skond il-liġi ma jistgħax jagħmel, jew jommetti dak li skond il-liġi hu tenut jagħmel; u għalhekk, jekk l-attriċi f'isimha proprju ma għandhiex dritt għal kumpens skond l-art. 1089 a kawża tal-mewt ta' żewġha, hija għandha dritt għar-riżarċiment tad-danni skond id-dispożizzjoni ġenerali kontenuta fl-art. 1074 u 1076 tal-imsemmi Kodiċi. F'każi simili, dawn il-Qrati dejjem irrikonoxxew li tikkompeti din l-azzjoni anki lill-mara tal-mejjet (v. Appell 24/5/1954 in re "Fenech vs. Galea");

Għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni lanqas ma tolqot l-azzjoni odjerna in kwantu magħmula mill-attriċi f'isimha proprju;

Fil-meritu;

Illi jirriżulta li l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien qiegħed jiġi rikostruwit, fuq barra, b'kamra waħda, fil-pjanterren u f'kull wieħed mis-sulari tiegħu, wiesgħa sebgħa piedi u sebgħa pulzieri, u twila ħmistax il-pied u tliet pulzieri, u s-saqaf ta' kull kamra kien miżmum bi travu wieħed magħmul fit-tul, ċjoè ras waħda poġġuta fuq il-faċċata u r-ras l-oħra tiegħu fuq wara; b'din id-differenza, illi, waqt li fil-pjanterren u s-sulari l-oħra tal-fond it-travi kienu soffitt, u għalhekk iċ-ċavi u l-blata kienu sħaħ, fl-aħħar sular it-travu kien imdendel, u għalhekk il-blata ġiet magħmula sħieħa, u miċ-ċavi naqsu ċirka sebgħa pulzieri;

Kif issottometta l-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu, it-travu waqa' għaliex ma kellux sostenn biżżejjed, billi kien sostnut biss b'ċirka tliet pulzieri u nofs ġebel sħieħ taċ-ċavi, u hekk, meta l-barmil jew tavlun waqa' fuq il-ġebla li kien hemm fuq ir-ras tat-travu, bl-iskoss iċ-ċavi nkisret; il-blata, li bil-kemm għandha saħħa biex terfa' lilha nnfisha, inkisret ukoll; u b'hekk it-travu, biż-żewġ indani xoroq li kien jerfa fuqu, baqa' nieżel sa isfel, u niżżel ukoll ix-xoroq tas-soqfa ta' taħtu;

L-istess perit ikkonkluda li kien żball kbir, kompletament kontra s-sengħa, li t-travu fl-aħħar sular ġie mogħti dak is-sostenn; ċjoè ikkonkluda li l-kostruzzjoni tas-sostenn tat-travu saret ħażin u kontra s-sengħa, billi ma ttieħedx f'konsiderazzjoni l-fattur fondamentali tal-kostruzzjoni, dak tas-sikurezza ("factor of safety"). Il-perit irrileva li, meta wieħed jiddisenja kwalunkwe parti ta' kostruzzjoni jiddisenja din il-parti b'mod li tkun tista' tieħu toqol ferm iżjed minn dak li normalment għandha tieħu; u bħala eżempju semma li, jekk wieħed jiddisenja travu biex jieħu toqol normali ta' tunellata, dan it-travu, bis-sostenji tiegħu, għandu jkun kapaċi biex jieħu tliet tunellati, erbgħa tunellati, jew iżjed, qabel ma dan it-travu, jew is-sostenji tiegħu, iċedu jew jaqgħu;

Fil-każ in ispeċje, il-perit ġudizzjarju kkalkola li l-fattur tas-sigurtà, minflok mill-anqas tliet darbiet, ma kienx iżjed minn wieħed u settimu ta' wieħed; u għalhekk ikkonkluda li l-kawża tal-waqgħa tat-travu ma kienetx

ħaġ'oħra ħlief li x-xogħol sar kontra s-sengħa. L-istess ħaġa kkonkluda l-perit legali, billi ssottometta li l-kawża li ċ-ċavi li fuqha kien jistrieħ it-travu nfaqgħet, it-travu sprofonda, u miegħu sprofondaw is-soqfa ta' taħt, b'mod li ġiet kaġunata l-mewt ta' Luigi Cini, kien il-mod ta' eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol, ċjoè kif ġie poġġut it-travu fiċ-ċavi minflok fuq iċ-ċavi;

Din il-Qorti taqbel ma' dawk il-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali u mill-perit tekniku;

Illi, rigward ir-responsabilità tal-konvenuti, il-perit legali ssottometta li l-konvenut Paolo Galea hu responsabbli, imma l-konvenut Perit Camilleri Galea mhuwiex responsabbli għal dak li ġara. Huwa jissottometti li, kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 1928, in re "Sarè vs. Farrugia", fuq id-dispożizzjoni tal-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili, biex persuna tista' tiġi ritenuta responsabbli għaddanni, hemm bżonn li min jirreklama l-indenniz jirnexxilu jipprova mhux biss l-att jew l-ommissjoni kolpuża taddenunzjat, imma wkoll li l-att jew l-ommissjoni kolpuża kellha n-ness tal-kawża għall-effett bil-preġudizzju soffert mill-instant; u mill-provi, waqt li għar-rigward tal-konvenut Paolo Galea hemm biżżejjed ċirkustanzi li jgħaqqdu l-mewt (effett) ta' Luigi Cini mal-kawża, li hi l-mod kontra l-arti kif ġie poġġut it-travu nkriminat, għar-rigward tal-konvenut Perit Camilleri Galea, għalkemm hemm da parti tiegħu ommissjoni kolpuża, ma jidherx li bejn l-ommissjoni u l-fatt tal-isprofondament tas-soqfa hemm relazzjoni ta' kawża għall-effett; għaliex dan il-konvenut, skond ma xehed, kien imur fuq il-post, kien jagħti istruzzjonijiet lill-konvenut Galea kif kellu jsir ix-xogħol, u ma setgħax jivverifika kif kien joġġut it-travu tal-aħħar sular, għaliex, meta mar biex jagħmel din il-verifika, l-armar kien ġie mneħħi, u t-taraġ biex jitla' fuq il-bejt għall-istess verifika ma kienx lest għal kollox, billi kienet tonqos l-aħħar skaluna tat-taraġ, u billi dan ma għamlux kien hemm da parti tiegħu ommissjoni kolpuża; imma huwa ġie assigurat mill-konvenut Galea li t-travu kien poġġut sewwa, u kwindi huwa mhux responsabbli tal-inċident; għaliex, kif irritteniet il-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 1955, in re "Aquilina vs. Sciortino", għalkemm hu ċert li, meta l-edi-

fiċju jipperixxi a kawża ta' difett fil-kostruzzjoni, jew ta' vizzju ieħor, l-arkitett hu responsabbli, ir-regola mhix applikabbli fil-każ li d-difett jew il-vizzju, użati s-soliti diliġenzi komuni u ordinarji li soltu jiġu wżati mill-arkitetti, ma kienx tali li seta' jiġi osservat u prevedut; u għalhekk għar-rigward tal-konvenut Perit Camilleri Galea ma jidherx li hemm relazzjoni ta' kawża għall-effett bejn l-ommissjoni tiegħu li jiċċerzjora ruħu mix-xogħol kif kien qiegħed isir u l-isprofondament tat-travu;

Il-perit tekniku wasal għall-istess konklużjoni tal-perit legali, jiġifieri li l-konvenut Paolo Galea hu responsabbli għal dak li ġara, imma l-konvenut Perit Camilleri mhux responsabbli, għaliex il-perit fil-kostruzzjoni ta' fond hu responsabbli għad-disinn u daqsijiet tal-partijiet kollha tal-kostruzzjoni, u għandu jagħmel superviżjoni fuq ix-xogħolijiet biex jeżamina u jara li x-xogħol ikun qiegħed isir tajjeb u skond is-sengħa, u jneħħi kull ħaġa li ma tkunx saret skond is-sengħa, u l-imsemmi konvenut kien jagħmel sorveljanza normali, kien fuq ix-xogħol xi tmien tijiem qabel ma saret id-disgrazzja, u, billi ma setgħax jidħol fil-kamra ta' quddiem fejn it-travu waqa', għaliex l-armar kien imneħħi, huwa staqsa lill-konvenut Galea jekk kienx għamel blata u ċavi kif għamel fis-sulari l-oħra, u dan aċċertah li huwa kien għamel hekk;

*Illi din il-Qorti,* waqt *li taqbel* mal-periti ġudizzjarji li l-konvenut Paolo Galea hu responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ma taqbelx mal-konklużjoni minnhom raġġunata li l-konvenut Perit Camilleri Galea mhux responsabbli għal dak l-inċident. Infatti, għar-rigward tal-konvenut Paolo Galea ġie biżżejjed pruvat li l-kawża tal-inċident kienet dovuta għall-fatt li huwa poġġa, jew aħjar li ta istruzzjonijiet li jitpoġġa, it-travu ġo ċ-ċavi, u mhux fuq iċ-ċavi, u hekk naqqas mill-forza tal-istess ċavi — xogħol li kien kompletament kontra s-sengħa. Huwa ma jistgħax jgħid li l-kawża immedjata ta' dak l-inċident kienet il-waqgħa tal-barmil jew tavlun fuq ras it-travu, u mhux id-difett kif ġie poġġut it-travu, fis-sens li, kieku dak il-barmil jew tavlun ma waqgħax, lanqas ma kien jaqa' t-travu; għaliex, kif jesprimi ruħu l-Manzini, "è difficile immaginare un evento colposo alla cui produzione

non sia concorso alcunchè di fortuito" (Diritto Penale Italiano, Vol, I, p. 714). Kieku t-travu kien poġġut kif kellu jitpoġġa, fuq iċ-ċavi, meta waqa' l-barmil jew it-tavlun fuqu, it-travu ma kienx jaqa', imma l-aktar li kien jista' jiġri kien, ordinarjament, li jaqgħu x-xoroq;

In kwantu għall-konvenut Perit Camilleri Galea, dan hu wkoll responsabbli għal dak li ġara, jiġifieri anki għall-mewt ta' Luigi Cini. Kif issottometta il-perit tekniku, dmir ta' kull perit f'xogħol ta' kostruzzjoni hu dak, fost oħrajn, li jagħmel superviżjoni fuq ix-xogħol, u mhux sempliċement li jagħti istruzzjonijiet lill-imgħallem kif għandu jsir ix-xogħol. Il-konvenut Perit Camileri Galea din is-superviżjoni ma għamilhiex kif kellu jagħmilha, u lanqas ma ta istruzzjonijiet lill-konvenut Galea kif kellu jagħmel ix-xogħol — istruzzjonijiet li kienu ferm meħtieġa, oltre s-superviżjoni fuq imsemmija, speċjalment meta, kif ġie pruvat, il-konvenut Galea, meta sar dak l-inċident, lanqas kellu liċenza biex jaħdem ta' bennej. Irriżulta li l-konvenut Camilleri Galea ma kienx ta istruzzjonijiet lill-konvenut Galea kif kellu jitpoġġa t-travu, u huwa staqsa lil dan il-konvenut kif kien poġġa t-travu wara li l-istess kien ġa tpoġġa; u l-konvenut Galea assigurah, skond ma jgħid huwa, li kien poġġieh fuq iċ-ċavi, ċjoè qallu li t-travu kellu blata u ċ-ċavi, u huwa "fehem" li t-travu kien fuq il-blata u ċ-ċavi. Din ma tistgħax tissejjaħ assikurazzjoni. Skond l-istess konvenut Perit Camilleri Galea, il-konvenut Galea ma wieġbux għad-domanda tiegħu, ċjoè kif kien poġġa t-travu, imma qallu biss li t-travu kellu blata u ċavi; u kwindi minn din ir-risposta, weħedha, huwa ma ġiex assikurat, u lanqas ma kien intitolat "jifhem" li t-travu kien poġġut fuq iċ-ċavi; biex mhux biss jifhem, imma biex ikollu dik l-assikurazzjoni, il-konvenut Perit Camilleri Galea kellu jara b'għajnejh, għaliex, kieku għamel hekk, it-travu kien jaqilgħu minn fejn kien poġġut, jitqiegħed fuq iċ-ċavi, ma kienx jaqa', u ma kien jiġri xejn; u kwindi ma kienx ikorri u jmut Luigi Cini. Huwa qagħad fuq il-fiduċja tal-konvenut Galea, u, skond ma qal, ma marx jagħmel dik is-superviżjoni, li hu tenut għaliha, għaliex l-armar biex ikun jista' jaċċedi għall-bejt kien ġa mneħħi meta mar fuq il-post, u t-taraġ biex minnu jasal għal dak il-bejt kien għadu mhux lest. Imma jekk kellu bżonn, biex

ikun żgur, u mhux biss biex "jifhem", bħala dmir tiegħu, li t-travu kien poġġut skond is-sengħa, il-konvenut Perit Camilleri Galea kellu jordna lill-konvenut Galea jerġa jtalla' l-armar biex ikun jista' jaċċedi għall-bejt. Però, huwa liberament seta' aċċeda għall-bejt mit-taraġ; kif jirriżulta, skaluna waħda kienet tonqos biex ikun lest it-taraġ kollu, u kwindi ma kienx hemm xi diffikultà kbira biex jasal fuq il-bejt; huwa seta' wkoll tela' b'sellum, kif kien jagħmel, skond ma huwa xehed, biex jitla' fis-sulari waqt li kienu jinbnew u meta t-taraġ kien għadu lanqas ma beda jsir. Wara kollox, huwa seta' mar ġurnata jew tnejn wara, meta kien jiżgura ruħu fuq kif kien sar ix-xogħol. Minn dan huwa ma għamel xejn; imma donnu li l-konvenut Perit Camilleri Galea kien jagħlaq għajnejh wisq. Kif issottometta l-perit ġudizzjarju, il-Liġi tas-Sanità tagħti li l-anqas għoli ta' kamra jkun ta' disgħa piedi, liema għoli għandu jitqies minn taħt it-travi sal-art, mentri fil-kamra tal-aħħar sular il-konvenut Galea dendel it-travu taħt id-disgħa piedi, jiġifieri mexa kontra l-liġi — ħaġa din, kif issottometta l-istess perit, li l-konvenut Perit Camilleri Galea ma jidherx li kien jaf biha, jew qatt approva li jsir hekk. Imma dan l-aħħar konvenut jammetti fix-xhieda tiegħu li l-konvenut Galea, meta dendel it-travu b'dak il-mod, kien għamel żball; kwindi huwa dak l-iżball ma ndunax bih mill-ewwel, jew ħallieh sejjer. F'kull każ huwa għamel ħażin; u kieku nduna, kif kellu jinduna. b'dak l-iżball, u ordna li jsir kollox skond il-liġi, kien jiġi konstatat li dak l-iżball kien dovut għall-fatt li t-travu fil-kamra ta' fuq ġie poġġut fiċ-ċavi, u mhux fuq iċ-ċavi, u kwindi s-saqaf ġie nofs filata iżjed baxx mill-kmamar l-oħra;

Illi għalhekk iż-żewġ konvenuti huma responsabbli għad-danni kaġunati lill-atturi bil-mewt ta' Luigi Cini; u billi ma ġiex, u ma setgħax jiġi, determinat il-kwantitattiv tad-danni li kull wieħed minnhom ikkaġuna, allura huma t-tnejn tenuti solidalment għad-danni kollha (Val. XXXIV-II-518);

Illi, rigward l-entità ta' dawn id-danni, il-perit legali ssottometta li l-istess għandhom jiġu likwidati fil-massimu stabbilit mill-liġi fl-art. 1089 tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè £1200.

F'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli; ma hemmx "quantitative scale" tad-danni; għaliex kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, u s-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti fill-limiti (f'każ ta' ħsara mhux dolożament kaġunata) stabbilit mill-liġi (Vol. XXXIV-I-181);

Il-liġi tindika tliet kriterji, ċjoè dak taċ-ċirkustanzi tal-każ, dak tax-xorta u grad ta' inkapaċità, u dak tal-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara, li l-Qorti għandha tħares qabel tasal għall-fissazzjoni tal-ammont fl-eżerċizzju tad-diskretiva tagħha. Din il-Qorti, wara li qieset li l-inkapaċità f'dan il-każ kienet fi grad massimu, ċjoè l-mewt ta' Luigi Cini; li dan, meta miet, kellu wieħed u tletin sena, u li kien f'saħħtu; li kien jaħdem bħala manwal, u, għalkemm ma ġiex pruvat, ma setgħax jaqla' anqas minn £3.10.0 fil-ġimgħa, qiegħ li wisq probabilment kellu jiżdied il-quddiem, kieku baqa' ħaj u jaħdem; li kellu familja, meta miet, konsistenti f'martu u erbgħa ti tfal, l-akbar ta' xi tmien snin; li dan kien każ ta' negliġenza kbira; li l-mejjet kien iżomm lill-martu u lill-uliedu bħala uniku sosteniment tagħhom, u għalhekk il-qliegħ tiegħu futur kien preżumibbilment ikun destinat għalihom, u kien il-vantaġġ ekonomiku li huma kienu jikkonsegwixxu kieku l-kap tal-familja baqa' ħaj; u wara li qieset iċ-ċirkustanzi l-oħra attinenti għall-każ; hi tal-fehma li s-somma tad-danni għandha tkun anqas minn dik suġġerita mill-perit legali, ċjoè għandha tiġi fissata f'dik ta' £800;

Rat in-nota tal-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea, li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata in kwantu rrespinġiet l-eċċezzjoni tiegħu u kkundannatu iħallas lill-attriċi proprio et nomine s-somma ta' £800 bl-imgħax legali mis-sentenza, u tiġi minflok milqugħa l-eċċezzjoni preliminari tiegħu, u, f'każ negattiv, jiġi liberat mid-domandi fil-meritu billi dawn jiġi miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata;

Rat ir-risposta tal-konvenut Paolo Galea, li biha

assoċja ruħu mal-appellant Perit Camilleri Galea fl-eċċezzjoni minnu mogħtija li l-azzjoni ma tikkompetix lill-attriċi, iżda lill-eredi ta' Luigi Cini, u fl-istess ħin appella inċidentalment mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u talab li tiġi revokata in kwantu kkundannatu jħallas lill-attriċi proprio et nomine £800 bl-imgħaxijiet legali, u li hu jiġi meħlus mid-domandi attriċi, billi dawn jiġu miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

Rat ir-risposta tal-attriċi proprio et nomine, li biha wieġbet li l-appell magħmul mill-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea huwa fid-dritt u fil-fatt infondat, u fl-istess ħin appellat inċidentalment mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u talbet li dik is-sentenza tiġi riformata fejn illikwidat id-danni dovuti lilha proprio et nomine fis-somma ta' £800, billi dawn id-danni jiġu likwidati fis-somma ta' £1200 jew f'somma oħra akbar minn dik ta' £800 likwidata mill-Ewwel Qorti; u billi konsegwentement il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilha s-somma li tiġi hekk likwidata minn din il-Qorti; u billi fil-kumplament is-sentenza appellata tiġi konfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-replika tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea għar-risposta tal-konvenut Paolo Galea, li biha qal li l-appell inċidentali ta' dan mhux sostenibbli, għaliex hu kien kontumaċi, u lanqas quddiem l-Ewwel Qorti ma ġġustifika l-kontumaċja; għalhekk talab li dak l-appell inċidentali jiġi miċħud; bl-ispejjeż;

Rat ir-replika tal-istess Perit Camilleri Galea għar-risposta tal-attriċi proprio et nomine, li biha talab li l-appell inċientali tagħha jiġi respint; bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Fir-replika tiegħu, fol. 149, l-appellant prinċipali Perit Camilleri Galea ssottometta illi l-appell inċidentali tal-konvenut Paolo Galea mhux sostenibbli, għaliex dan huwa kontumaċi, u lanqas quddiem l-Ewwel Qorti ma rnexxielu jiġġustifika l-kontumaċja;

Dwar dan, il-Qorti tirrileva illi l-kontumaċja quddiem l-Ewwel Qorti ma tipprekludix l-appell lil din il-Qorti. Biss, skond l-art. 206 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenut li kien kontumaċi ma jistgħax iġib xhieda quddiem din il-Qorti kemm il-darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu (v. Vol. XXXI-I-139 u 290). Fil-każ preżenti, però, din il-kwistjoni ma tqumx, għaliex il-konvenut Paolo Galea ma talabx biex jipproċuċi xhieda, imma biss ittratta l-kawża;

Ikkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-Perit Camilleri Galea, li magħha assoċja ruħu l-konvenut Paolo Galea, din il-Qorti, anki jekk mhux preċiżament għall-istess raġunijiet, kif jidher aktar il-quddiem, taqbel mal-Ewwel Qorti illi din l-eċċezzjoni ma tistgħax tiġi milqugħa;

It-talba tal-attriċi, kif espressament formulata fiċ-ċitazzjoni, hija bażata fuq il-kważi-delitt addebitat lill-konvenuti u hija ġenerika għad-danni kollha sofferti minnha nnfisha jew minn uliedha minuri, bħala konsegwenza tal-mewt ta' żewġha, fis-somma li tiġi likwidata mill-Qorti;

In linea ta' prinċipju, ma jistgħax ikun hemm dubju illi "kull min" hu danneġġjat bil-fatt doluż jew kolpuż ta' ħadd ieħor għandu azzjoni għad-danni (cfr. Laurent, Vol. XX, §534; Baudry, Vol. XV, §2883). Il-Chironi, li wkoll jafferma dan il-prinċipju, josserva illi dan jiġri għaliex "nel fatto lesivo di diritti appartenenti a diverse persone sono costituiti tanti fati illeciti quante le ingiurie, onde l'obbligo nell'offensore al rifacimento verso ognuno che sia offeso. Occorrono con frequenza casi nei quali il diritto violato ha l'aspetto di unico, quando invece son più in realtà le persone offese, ognuna nel diritto proprio: come s'avrebbe... nel caso che moglie e figli hanno diritto ad indennizzo per la morte ingiustamente procurata al marito e padre...... se ben si osserva, qui i diritti lesi son tanti quante le persone cui appartengono...... sì la moglie che i figli hanno una ragione propria manifestantesi spesso in una diversa estimazione del danno" (La Colpa nel Diritto Civile odierno, Vol. II, §486 et seq.);

Il-konvenuti, però, jgħidu illi dan il-prinċipju, anki jekk loġiku u skond is-sens komun, ma japplikax fis-sistema tal-liġi tagħna; għaliex, skond l-artikoli 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili, ir-riżarċiment tad-danni hu mogħti biss lill-persuna direttament offiża mil-fatt doluż jew kolpuż; u, fil-każ li dan il-fatt jikkaġuna l-mewt, lill-"eredi" ta' dik il-persuna;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi fil-każ preżenti hu neċessarju li tiġi riżoluta l-kwistjoni ġenerali nvoluta fl-eċċezzjoni tal-konvenuti. Dan għar-raġuni illi, ankorkè kellha tiġi aċċettata t-teżi tagħhom, l-azzjoni fil-każ preżenti tibqa' sostenibbli;

Infatti, ma hemmx kwistjoni illi l-atturi Ġuża, Polly, Carmelo u Ġorġ, aħwa Cini, ulied il-mejjet Luigi Cini, huma l-eredi leġittimi tiegħu. Huwa veru li fiċ-ċitazzjoni huma ma ndikawx ruħhom espressament b'dik il-kwalità; iżda dan in-nuqqas ma jinnewtralizzax il-fatt illi huma effettivament tali (Kollez. XXXIII-I-481). Lanqas jiswa lill-konvenuti l-fatt illi, fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni l-eredità tal-imsemmi Luigi Cini kienet għadha ma ġietx aċċettata għan-nom tal-imsemmijin uliedu minuri bil-benefiċċju tal-inventarju, u kwindi, "pro tanto", huma kienu għadhom mhumiex kunsidrati bħala eredi "di diritto" (Kollez. XXIX-II-553; u Vol. XXXII-II-382);

Apparti kull kwistjoni oħra (per eżempju, jekk innullità tal-aċċettazzjoni taċita talvolta nvoluta fl-istess domanda taċ-ċitazzjoni, minħabba d-difett ta' forma, setgħetx tiġi sollevata mill-konvenuti — ara art. 790 Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u Laurent Vol. IX, §352), huwa fatt illi waqt il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti l-attriċi ġiet nominata tutriċi tal-imsemmija uliedha u, kif debitament awtorizzata, aċċettat l-eredità ta' missierhom għan-nom tagħhom kif trid il-liġi (fol. 11). Għalhekk, jekk qabel kien hemm difett, dan ġie sanat bil-"Jus Superveniens". Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna, kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Vella vs. Dr. Galea" (XXXIII-I-254), illi "jus superveniens firmat actionem et exceptionem", u "għalhekk, jekk waqt il-kawża jkun inter-

vjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fondament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzji u tal-ispejjeż";

Il-każi tipiċi li fihom it-teorija tal-"Jus Superveniens" ġiet applikata mill-Qrati Tagħna huma l-aktar meta l-obligazzjoni li tkun il-bażi tal-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tavvera ruħha, jew it-terminu jagħlaq, waqt il-kawża (XXXVII-I-435; XXXI-I-592). Issa, jista' jitqies illi t-tfal ta' Luigi Cini, li kienu bil-liġi msejħin għas-suċċessjoni tiegħu, kienu "eredi" tiegħu kondizzjonatament għall-aċċettazzjoni tal-wirt għan-nom tagħhom bil-benefiċċju tal-inventarju; u din, kif ġa ntqal, saret matul il-kawża. Oltre dan, dawk il-każi mhumiex tassattivi b'mod assolut (cfr. e.g. XXII-I-650); XXXIII-I-108 u 195);

Fil-każ preżenti hemm anki raġuni speċjali, għaliex id-dottrina tal-"Jus Superveniens" tapplika "a fortiori"; u din hija li, skond il-liġi (art. 890 Kodiċi Ċivili), l-aċċettazzjoni tal-eredità għandha effett retroattiv minn dak inhar tal-ftugħ tas-suċċessjoni, b'eċċezzjoni li mhix rilevanti għall-każ preżenti;

Mhux ta' ostakolu għal dan li issa ntqal il-fatt illi l-aċċettazzjoni tal-eredità għan-nom tal-minuri saret wara li l-konvenut Camilleri Galea kien ġa ssolleva l-eċċezzjoni tiegħu. Kieku din kienet raġuni, dik id-dottrina tal-"Jus Superveniens", tista' tgħid, ma tkun tapplika qatt. Ġustament, inveċe, dik id-dottrina ġiet applikata mill-Qrati Tagħna f'każijiet kongruwi, anki meta d-difett inizjali ġie sanat, bis-sopravenjenza tad-dritt, wara l-eċċezzjoni, saħansitra anki meta l-kawża kienet fl-appell (ara sentenzi ġa ċitati). Jista' hawnhekk jiġi ċitat dak li jgħid il-Mortara, illi, meta l-eċċezzjoni tal-konvenut tkun dilatorja, kif indubbjament kienet fil-każ preżenti, il-"Jus Superveniens" ma hux ostakolat mill-eċċezzjoni; "poichè se il convenuto non ottiene altro effetto che di costringere l'attore a riproporre la domanda, egli non ritrae un'utilità legittima dalla eccezione, mentra la ingerenza del potere giurisdizionale, una volta provocata nelle debite forme, è bene nell' interese sociale che spieghi e compia il suo ufficio defini-

tivamente a sedare il contesto ed esaurire il rapporto processuale" (Vol. II, paġ. 605, §474);

Lanqas ma hi sostenibbli l-eċċezzjoni tal-konvenuti in kwantu riferibbli għall-attriċi f'isimha proprju. Biżżejjed li jiġi osservat dan li ġej. Għad 'li l-konjuġi superstiti mhux "eredi" tal-konjuġi premort (Vol. XXXVII-II-343), dan però, ma jnaqqasx l-interess, u kwindi d-dritt tal-attriċi f'isimha proprju, li tunixxi ruħha ma' uliedha, eredi ta' żewġha, fl-azzjoni kontra l-konvenuti. Fuq il-beni tal-wirt (li aktarx ma jikkomprendux ħlief id-danni konsegwibbli b'din il-kawża), hi għandha, skond il-liġi, id-dritt għall-użufrutt ta' kwart. Dan is-sehem hu, bil-liġi, suġġett għall-ispejjeż tal-funerali li setgħet ġa ħallset l-attriċi minn tagħha. Jista' wkoll l-attriċi f'isimha għandha dritt ta' prelevamenti jew krediti. Oltre dan, l-attriċi għandha wkoll id-dritt tal-użufrutt fuq il-beni ta' uliedha minuri, inklużi dawk li jiġu lilhom mis-suċċessjoni ta' missierhom jew b'titolu ieħor wara l-mewt tiegħu (art. 169 Kodiċi Ċivili);

Jiġi osservat illi t-talba fiċ-ċitazzjoni hija biex il-konvenuti jħallsu d-danni lill-attriċi proprio et nomine, ċjoè lilha f'isimha proprju u lill-uliedha "flimkien". Kif mbagħad l-ammont akkordat mill-Qorti jiġi allokat bejniethom, hi kwistjoni ta' bejniethom, skond il-liġi, u mhux ħaġa li jarawha l-konvenuti;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu tal-appell prinċipali tal-konvenut Perit Camilleri Galea;

Anki hawn din il-Qorti ssib sewwa l-konklużjoni li waslet fiha l-Ewwel Qorti, fis-sens li dan il-konvenut ukoll huwa responsabbli;

L-azzjoni hi bażata fuq l-art. 1074, 1075 u 1076 tal-Kodiċi Ċivili, li jirrendu responsabbli għad-danni lil "kull min", bi ħtija, ċjoè b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza, jew ta' ħsieb, jikkaġuna ħsara lil ħadd ieħor. Ma jistgħax ikun hemm dubju illi dan il-konvenut kellu d-dmir li jassikura illi l-kostruzzjoni tal-bini in kwistjoni, speċjalment għal dik

li hi solidità, issir sewwa u skond is-sengħa. Anzi, skond il-liġi, dan id-dmir kien jaqa' prinċipalment fuq "dan" il-konvenut. Infatti, ma' kull "building notice" li jingħata lill-Awtorità taħt l-art. 85 (p) (i) tal-Kap. 13 E.R., fuq il-formola preskritta, il-perit inkarigat jiffirma dikjarazzjoni konċepita kif ġej:— "I, the undersigned architect and civil engineer, do hereby declare that I assume the direction and responsibility of the works referred to in this Building Notice in terms of section 85 (p) of the Code of Police Laws (Chapter 13)";

Fil-każ preżenti, din id-dikjarazzjoni saret mill-konvenut Camilleri Galea, u tinsab eżibita fl-oriġinal fol. 70 tal-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri Galea et.", deċiża fit-3 ta' Awissu 1951, li għaliha saret ripetutament riferenza fix-xhieda ta' dan il-konvenut (fol. 69 tergo et seq.);

Din id-dikjarazzjoni hi meħtieġa appuntu għaliex, kif tgħid espressament il-liġi, "the work proposed to be carried out is such as to require technical direction in order to prevent, during or after the execution of the work, injury to property or danger to the men on the work, or to passers-by or other persons";

Dover, mela, formalment assunt u mpost mill-liġi, ta' dan il-konvenut, kien illi juża l-abbilità u d-diliġenza meħtieġa biex fl-eżekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara. Anki meta jingħad, kif qalet b'approvazzjoni din il-Qorti fil-kawża "Aquilina vs. Sciortino et.", 5 ta' Diċembru 1955, illi "the duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standards of the time", jidher ċar mill-provi illi l-konvenut Camilleri Galea naqas gravement mid-dmirijiet tiegħu. Biżżejjed jingħad li, skond l-istess xhieda tiegħu, hu ħalla f'idejn u fada fil-konvenut l-ieħor, bniedem li dak iż-żmien lanqas biss kellu liċenza ta' bennej ("mason's licence"), rikjesta mill-liġi. Mhux biss dan il-konvenut l-ieħor ma kellux din il-liċenza, iżda lanqas il-bennej li materjalment kien qiegħed jeżegwixxi x-xogħol, ma kellu liċenza simili. Il-Qorti ma tistgħax temmen li mhux dmir ta' kull perit

li għandu jaħdmu miegħu u taħtu bennejja, anki jekk inizjalment mhux imqabbdin minnu, li jara li huma debitament liċenzjati. Imma ankorkè l-bennejja jkunu liċenzjati, hu dmir inerenti għall-inkarigu tal-perit li hu nnifsu jiddiriġi u jissorvelja x-xogħol b'mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa li jikkreaw perikolu. Jgħodd għalina, "mutatis mutandis", dak li kien ingħad fil-Halsbury's "Laws of England", Vol. 3, §631:—
"Although an architect is not expected to be constantly on the works and to supervise every detail, it is not sufficient for him to pay occasional visits and to get any defects which he may happen to notice set right; his duty is to give such an amount of supervision as will enable him to give an honest certificate whether or not the work has been done in accordance with the contract. And though his supervision may be partially, as to matters of detail, entrusted to subordinates...... the architect or engineer cannot exonerate himself by saying that the negligence was theirs";

L-obligu tal-perit li jiddiriġi u jissorvelja x-xogħol japplika b'mod partikulari għal dawk l-operazzjonijiet kollha li minħabba fihom l-aktar li jista' jkun hemm perikolu; u l-Qorti ma tistgħax għal mument wieħed tiddubita li fost dawn l-operazzjonijiet jidħol it-tqegħid tat-travi u s-soqfa. Fil-każ preżenti, id-delikatezza tal-operazzjoni kienet forsi akbar minħabba illi t-travu in kwistjoni kien ser jitqiegħed f'kamra għat-tul tal-ambjent, f'lok fil-qosor, u fejn kien ser ipoġġi n-naħa ta' barra ma kellux ħajt sħieħ, imma l-faċċata kienet mikula f'parti konsiderevoli bil-bieb tal-gallarija;

Xejn affattu ma kien biżżejjed għall-perit li jistaqsi "x'kien ġa għamel" il-konvenut l-ieħor, u joqgħod fuq li qallu. L-ewwelnett, ġa ntqal li la dan il-konvenut l-ieħor, u lanqas il-bennej Alfred Fenech, ma kienu bennejja liċenzjati. Anzi l-konvenut Camilleri Galea xehed illi lill-konvenut l-ieħor "lanqas biss kien jafu" qabel ma ltaqa' miegħu għal dan ix-xogħol (fol. 88), u kwindi iżjed u iżjed ma kellu ebda raġun biex joqgħod fuqu. Fi kwalunkwe każ, bħala perit direttur u responsabbli, id-dmir tiegħu kien

li jaċċerta ruħu personalment u direttament. L-ispjegazzjoni tiegħu, illi hu ma setgħax jivverifika għaliex ma setgħax jaċċedi għal fuq il-bejt hija, biex wieħed jgħid l-anqas, assolutament inaċċettabbli. L-ewwelnett ma hemm ebda prova, anqas hu stess ma jallega, illi waqt li kien qed jpoġġi dan it-travu, hu mar xi darba fuq il-post tax-xogħol. Skond l-istess xhieda tiegħu, qabel ma ġrat id-disgrazzja hu kien ilu ma jmur fuq ix-xogħol mill-anqas tmien tijiem. Inċidentalment, jista' jiżdied illi fil-kors tax-xogħol kollu, li kien ilu sejjer xi tliet xhur, ħadd ma raħ fuq il-post aktar minn tlieta jew erbgħa darbiet (fol. 76, 78). Barra minn dan, dak inhar tad-disgrazzja t-taraġ sa fuq nett kien lest, barra l-aħħar skaluna (fol. 80), u l-aċċess għall-kamra kien, għalhekk, faċli. Fi kwalunkwe każ, jekk kien hemm bżonn, għall-eżekuzzjoni sewwa tad-dmirijiet tiegħu, li kienu jinvolvu s-sigurtà personali u l-ħajja tan-nies, li jitla' b'sellum, ma hemm ebda raġuni għaliex hu ma kellux jagħmlu. Imma, anki kieku biss ħares minn ġewwa fil-kamra, kieku hu ta każ li jara u jissorvelja, travu mdendel ingaljat għall-għoli tar-ras tiegħu kollha ġoċ-ċavi fuq il-blata kien jaraħ mad-daqqa ta' għajn;

Il-konvenut Camilleri Galea kien għalhekk negliġenti fid-dmirijiet tiegħu b'mod gravi; u din in-negliġenza (flimkien ma' dik tal-konvenut l-ieħor) kienet il-kawża tal-aċċident li kkaġuna l-mewt ta' tliet ħaddiema, fosthom Luiġi Cini. In-ness ta' kawżalità huwa evidenti; għaliex, kieku hu għamel sewwa d-dmir tiegħu, kieku d-disgrazzja ma ġratx;

Xejn ma jiswa lill-konvenut Camilleri Galea illi s-saqaf u t-travi ġġarrfu immedjatament għax waqa' fuqhom barmil bix-xaħx jew xi ħaġa oħra. L-ewwelnett, ma hi xejn ħaġa imprevedibbli li waqt il-bini tas-soqfa, meta l-materjal ikun qed jiġi mtella bi grabja, tista' taqa' xi ħaġa. Huwa appuntu biex il-kostruzzjoni tista' tiflaħ l-"impact" ta' skossi li huma possibbli, tant waqt il-bini kemm wara, illi s-sengħa teżiġi li jkun hemm marġini konsiderevoli ta' sigurezza. Inveċe, fil-każ preżenti, it-travu ġie poġġut biss fuq xi tliet pulzieri ġebel sħieħ ġo ċavi inkavata xi sebgħa pulzieri, u kwindi sensibbilment indebbolita, fuq

blata li bilkemm tiflaħ lilha nnfisha (fol. 102). F'dawn iċ-ċirkustanzi mhux talli ma kienetx ħaġa imprevedibbli, iżda talli kienet ħaġa virtwalment żgura, li t-travu u s-saqaf jaqgħu ma' l-anqas skoss. Għall-kuntrarju, kieku t-travu sar sewwa u skond l-arti, l-uqiegħ ta' barmil xaħx fuqu jew ta' tavlun kien ikun, kif qal il-perit ġudizzjarju, frazzjoni żgħira tat-toqol illi t-travu kellu normalment jiflaħ;

Del resto, kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Fenech vs. Galea", 24 ta' Mejju 1954, fuq l-awtorità tal-Chironi:— "L'efficacia del caso fortuito e del'a forza maggiore...... quali mezzi liberatori della responsabilità, cessa quando siano questi avvenimenti preceduti da dolo o colpa dell' agente...... il fatto illecito si connette allora al comportamento giuridico anormale, nè sarà valevole l'eccezione liberatoria, perchè neutralizzata dal dolo o dalla colpa precedente. Da tale stato illecito ebbe esistenza diretta l'ingiuria, sebbene paia derivata dal caso fortuito o dalla forza maggiore";

L-appell tal-konvenut Camilleri Galea ma jistgħax, għalhekk, jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell inċidentali tal-konvenut Paolo Galea;

Il-pretensjoni ta' dan hija illi, billi l-perit inkarigat "kien jaf illi t-travu kellu jiġi ngaljat ġoċ-ċavi, u apparentement ma tax direzzjoni diversa, hu neħħa kwalunkwe responsabilità u tefagħha fuq min hu superjuri għalieh". Din il-pretensjoni hi nieqsa minn kull fondament. Għad illi kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol, dan ma kienx jeħles lill-konvenut Galea, li ndaħal bħala mgħallem, u fil-fatt eżegwixxa dak ix-xogħol, milli josserva d-diliġenza u jkollu l-ħila meħtieġa. Jekk il-perit huwa nati talli ma ddiriġiex u ma ssorveljax l-eżekuzzjoni tax-xogħol kif kien dmiru, dan mhux talli ma jeżonerax lil dan il-konvenut, iżda talli jkabbar ir-responsabilità tiegħu. M'hemmx dubju illi l-ordni mmedjat lill-bennej kif jitqiegħed it-travu b'mod kompletament kontra s-sengħa taħ dan il-konvenut. Hu stess fix-xhieda tiegħu qal illi, għalkemm kien stabbilixxa mal-perit u mal-proprjetarju illi t-travu kellu jiġi mdendel, "jerò ma jidhirlux li tħaddtu

kif sejjer jiġi ngaljat". Jekk dan kien il-każ, dan juri kemm aktar kien hemm bżonn li dan il-konvenut l-ewwel-nett ikollu l-kapaċità teknika meħtieġa, qabel ma ndaħal għal xogħol, u jekk ma kellux, ifittex id-direttivi tal-perit;

Kwantu għad-difiża tal-fortuwitu, avanzata wkoll minn għand dan il-konvenut, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ġa ntqal għar-rigward tal-konvenut l-ieħor;

Għaldekk, anqas dan l-appell ma jista' jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Hemm fl-aħħarnett l-appell inċidentali tal-attriċi. L-ilment tagħha huwa illi s-somma ta' £800 akkordata lilha mill-Ewwel Qorti bħala kumpens totali tad-danni hija baxxa, u jisthoqqilha li tiġi miżjuda sal-massimu ta' £1200 permess mill-liġi;

Din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkustanzi, hi ta' fehma li l-ilment tal-attriċi hu ġustifikat. Meta wieħed iqies li l-ħtija tal-konvenuti kkaġunat "il-mewt" ta' Luigi Cini; li dan, meta safa' hekk maqtul, kien fl-"aħjar nett ta' ħajtu", billi kellu biss 31 sena u b'saħtu; li ħalla warajh armla b'erbgħa ti tfal, kollha żgħar ħafna, l-akbar ta' xi tmien snin, li kienu kollha għall-għajxien tagħhom jiddependu minnu; li l-paga tiegħu dak iż-żmien ma setgħetx kienet anqas minn £3.10.0 sa £4 fil-ġimgħa; wieħed ma jistgħax jasal għal konklużjoni oħra ħlief dik proposta mill-attriċi;

Il-liġi tagħna hi forsi unika li tistabbilixxi massimu fil-każ ta' danni kolpużi. Hi ħaġa evidenti li dan il-massimu ta' £1200 jista' faċilissimament jikkaġuna "hardship", jekk mhux inġustizzja. Biżżejjed tikkontempla każ fejn dan il-massimu jista' anqas ikun jikkorrispondi biss għal sena waħda qliegħ jew salarju. Anki biss fuq il-bażi ta' "minimum wage", dak il-massimu ma jippermettix ħlief indenniz għal xi erbgħa jew ħames snin, li hu, f'ħafna każi, wisq anqas minn dak xieraq. Terġa' dan il-massimu ġie stabbilit fl-1938, u kulħadd jaf kemm minn dak iż-żmien l-hawn il-valur tal-flus naqas;

Hu forsi deżiderabbli, "in lege ferenda", li jiġi kunsidrat mill-Awtorità li lilha jmiss, jekk hux ormaj il-każ li wasal iż-żmien li jiġi rimoss il-limiti massimu tal-indennizz preskritt fil-każ ta' kważi-delitt; u dan sabiex il-Qrati jkollhom diskrezzjoni b'mod li jkunu jistgħu jagħtu riżarċiment adegwat konfaċenti għaċ-ċirkustanzi ta' kull każ u għall-valur korrenti tal-flus;

Fil-każ preżenti, in vista taċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, il-Qorti jidhrilha li l-indennizz ma għandux ikun anqas mill-massimu stabbilit mill-liġi. Prova ta' "damnum emergens" ma saretx;

Fl-aħħarnett, din il-Qorti taqbel mal-ewwel waħda illi fil-konfront tal-attriċi l-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas għandha tkun solidali. Bejniethom, il-Qorti jidhrilha li s-somma likwidata minn din il-Qorti għandha tkun sopportata nofs kull wieħed; salv dejjem, s'intendi, id-dritt tal-attriċi li titlob is-somma kollha minn għand il-wieħed jew l-ieħor miż-żewġ konvenuti, li fil-konfront tagħha huma tenuti solidalment;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi:—

Tiċħad l-appell tal-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Camilleri Galea, bl-ispejjeż;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut Paolo Galea, bl-ispejjeż;

Tilqa' l-appell inċidentali tal-attriċi proprio et nomine, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi s-somma li l-konvenuti "in solidum" għandhom iħallsu lilha għandha tkun ta' elf u mitejn lira (£1200), ripartibbli, fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti, nofs kull wieħed; u mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza. L-ispejjeż tal-appell tal-attriċi jħallsuhom il-konvenuti nofs kull wieħed.